

Qari mit-Testment il-Ġdid
u mill-Kitba tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI

# 7 visti GĦAL ĦAMIS IX-XIRKA

Edizzjoni mħejjija minn
Mons Charles J Scicluna

MALTA 2010

# INTRODUZZJONI



**Innu**
**TINA L-ĦLEWWA**
*għal Ħamis ix-Xirka*

'Tina l-ħlewwa tal-ilsna tas-sema,
Biex il-ġieħ li jixraqlek nagħtuk;
Qalb ħanina, li tagħder, li taħfer
Kif ħabbejtna nixtiequ nħobbuk.

> R/. Qalb imqaddsa ta' Ġesù,
> Li b'salibek mifdijin:
> Kebbes fina n-nar ta' mħabbtek
> Żommna miegħek imħaddnin.

Biex tifdina mill-jasar ewlieni,
Ta' Missierek l-għamara ħallejt;
Int, li tgħaxxaq is-sema bi ġmielek,
Ta' suritna fil-faqar inħbejt.

> R/. Qalb imqaddsa ta' Ġesù,
> Li b'salibek mifdijin:
> Kebbes fina n-nar ta' mħabbtek
> Żommna miegħek imħaddnin.



**Mit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI:**

Kristu hu verament preżenti fostna fl-Ewkaristija. Il-preżenza tiegħu mhix xi ħaġa statika. Hija preżenza dinamika li taħkimna, biex hu jagħmilna tiegħu, biex iġegħelna nassimilawh. Kristu jiġbidna lejh, hu jġegħelna noħorġu minna nfusna biex jagħmilna ħaġa waħda miegħu. B'dal mod hu jintegrana fil-komunitajiet tal-aħwa... u l-komunjoni mal-Mulej hija dejjem komunjoni bejn l-aħwa. U aħna naraw il-ġmiel ta' din il-komunjoni mogħtija lilna mill-Ewkaristija Mqaddsa.

*(Omelija f'Marisabella, Bari, 29 ta' Mejju 2005).*

Preċiżament għax din hija realtà misterjuża li tiżboq il-fehma tagħna, m'għandniex għalfejn nistagħġbu li llum bosta jsibuha bi tqila li jaċċettaw il-Preżenza Reali ta' Kristu fl-Ewkaristija. Ma jistax ikun mod ieħor. Hekk baqgħu l-affarijiet sa mill-jum fis-Sinagoga ta' Kafarnaum meta Ġesù kien stqarr li hu kien ġie biex jagħtina l-ġisem u d-demm tiegħu bħala ikel (Ġwanni 6, 26-58). Dak kien deher kliem iebes għal ħafna mid-dixxipli tiegħu li semgħuh. Dakinhar, bħal-lum, l-Ewkaristija kienet sinjal ta' kontradzzjoni. U dan ma jistax ikun mod ieħor għax il-misteru li Alla jsir laħam u jissagrifika ruħu biex isalva lid-dinja jqiegħed l-għerf tal-bniedem fi kriżi... Madankollu, b'fiduċja umli, il-Knisja tagħmel tagħha l-fidi ta' Pietru u tal-Appostli l-oħra u xxandar magħhom, u aħna nistqarru: Mulej għand min se mmorru? Int għandek il-Kliem tal-ħajja ta' dejjem (Ġwanni 6, 68). Ejjew anki aħna nġeddu l-istqarrija tal-fidi tagħna fi Kristu, ħaj u preżenti fl-Ewkaristija. Iva, din hija l-verità, li l-ħobż isir ġisem għalina, l-inbid isir demm.

*(Omelija, Corpus Domini, 7 ta' Ġunju 2007).*



# L-EWWEL VISTA

## Ġesu jagħmel l-Għid mad-dixxipli



**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa (22, 7-15)**

Wasal jum l-Ażżmi, il-jum li fih kien ikollhom jissagrifikaw il-ħaruf tal-Għid. Ġesù bagħat lil Pietru u 'l Ġwanni u qalilhom: «Morru ħejjulna l-ikla tal-Għid ħalli nieklu l-ħaruf.» «Fejn tridna nħejju?» staqsewh. Qalilhom: «Araw! Intom u deħlin il-belt jiltaqa' magħkom raġel iġorr ġarra ilma. Morru warajh sa ġod-dar fejn jidħol, u għidu lil sid dik id-dar: 'Qallek l-Imgħallem: Fejn hi l-kamra tal-ikel li fiha nista' niekol l-ikla tal-Għid mad-dixxipli tiegħi?' U dak jurikom kamra kbira fuq, mgħammra b'kollox. Ħejju hemmhekk.» Marru, u sabu kollox kif kien qalilhom; u ħejjew l-ikla tal-Għid. Meta sar il-ħin, qagħad fuq il-mejda flimkien mal-appostli. U Ġesù qalilhom: «Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom qabel ma nbati!»

**Nisimgħu l-Kelma tal-Appostlu Missierna San Pawl (Rum 15, 7-13)**

Għalhekk ilqgħu lil xulxin bħalma Kristu wkoll laqa' lilkom, għall-glorja ta' Alla. Jiena ngħidilkom li Kristu sar qaddej tal-Lhud ċirkonċiżi minħabba l-fedeltà ta' Alla, biex iseħħu l-wegħdiet li għamel lill-Patrijarki, u biex il-pagani wkoll ifaħħru lil Alla minħabba l-ħniena tiegħu bħalma hu miktub: « Għalhekk jiena nfaħħrek fost il-ġnus u ngħanni tifħir ismek». U ttenni tgħid: «Ifirħu, intom ġnus, flimkien mal-poplu tiegħu» ; u terġa': «Faħħru lill-Mulej, intom ġnus kollha, ħa jfaħħruh il-popli kollha». U jerġa' jgħid ukoll Isaija: «U joħrog għerq minn Ġesse ; iqum biex jaħkem il-ġnus ; u fih il-ġnus iqiegħdu t-tama tagħhom».  U Alla tat-tama jimliekom ilkoll bil-ferħ u s-sliem permezz tal-fidi tagħkom, sabiex it-tama tagħkom toktor bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

## Mit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI:

Iċ-ċentru tal-ikla tal-Għid tal-Lhud, immexxija minn regoli liturġiċi preċiżi, kien il-ħaruf, simbolu tal-ħelsien mill-jasar tal-Eġittu. Dan kollu bena pont bejn il-passat u l-preżent li jħares lejn il-futur: Iżrael kien għadu mhux ħieles. In-nazzjon kien għadu jsofri, bħala poplu ċkejken, fl-isfera tat-tensjoni bejn potenzi qawwija. Għalhekk it-tifkira bi gratitudni ta' dak li kien għamel Alla fil-passat, fl-istess ħin saret supplika u tama: Temm dak li inti bdejt! Tina l-ħelsien darba għal dejjem! Kien lejlet il-Passjoni tiegħu li Ġesù, flimkien mad-dixxipli, iċċelebra din l-ikla bit-tifsiriet kollha tagħha. Dan huwa l-kuntest li fih aħna għandna nifhmu l-Ikla tal-Għid il-ġdid li fiha tana l-Ewkaristija Mqaddsa.

*(Omelija, Ħamis ix-Xirka, 5 April 2007).*

L-Ewkaristija mhix ikla mal-ħbieb. Hija l-misteru tal-patt. "It-talb u r-riti tas-sagrifiċċju tal-Ewkaristija jġeddu kontinwament l-istorja kollha tas-salvazzjoni quddiem l-għajnejn ta' ruħna, tul il-kors taċ-ċiklu liturġiku, u jġegħelna nitwaħħdu dejjem aktar fil-fond mat-tifsira tiegħu" (Santa Tereża Beneditta tas-Salib [Edith Stein]). Aħna msejħin biex nidħlu aktar f'dan il-misteru tal-patt billi nfasslu dejjem aktar ħajjitna, kull jum li jgħaddi, fuq ir-rigal mogħti lilna fl-Ewkaristija.

*(Omelija mxandra fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali fi Quebec, 22 ta' Ġunju 2008).*



## INVOKAZZJONIJIET

Inwieġbu flimkien:

**Infaħħruk Mulej u nirringrazzjawk**

Talli wassalt fil-milja l-wegħdiet li għamilt lill-Patrijarki; R/.
Talli ħlist lill-Israel mill-jasar; R/.
Talli ħfirt lill-poplu tiegħek kull darba li ċaħdek; R/.
Talli sejjaħt lit-Tnax-il Appostlu tiegħek; R/.
Talli qsamt magħna l-ħsibijiet intimi ta' qalbek. R/.

## Innu

## TINA L-ĦLEWWA

*għal Ħamis ix-Xirka*

Meta waslet is-siegħa li toffri
Ħajtek kollha lill-kotra tal-ħbieb,
Inti ġbarthom għall-ikla tal-Fidwa
U ta' qalbek għarrafthom il-ħsieb.

R/. Qalb imqaddsa ta' Ġesù,
Li b'salibek mifdijin:
Kebbes fina n-nar ta' mħabbtek
Żommna miegħek imħaddnin.



# IT-TIENI VISTA

## Ġesù jaħsel saqajn id-dixxipli



**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann (13, 1-5)**

Qabel il-festa tal-Għid, billi kien jaf Ġesù li waslet is-siegħa tiegħu biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier, hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar. Kienu qegħdin għall-ikel. Ix-Xitan kien ġa webbel lil Ġuda ta' Xmun l-Iskarjota u daħħallu f'rasu li jittradih. Ġesù kien jaf li l-Missier tah kollox f'idejh, u li hu kien ġie mingħand Alla u kien sejjer għand Alla. Qam minn fuq il-mejda, neħħa l-mantar minn fuqu, ħa fardal u rabtu ma' qaddu. Imbagħad ferragħ l-ilma fil-lenbija, u beda jaħsel saqajn id-dixxipli u jixxuttahomlhom bil-fardal li kellu ma' qaddu.

**Nisimgħu l-Kelma tal-Appostlu Missierna San Pawl (Fil 2, 3-11)**

Tagħmlu xejn b'pika ta' partit, anqas għall-ftaħir fieragħ; imma kunu umli u kull wieħed minnkom iqis lill-ieħor aħjar minnu. Ħadd minnkom ma għandu jfittex li jaqbillu, imma li jaqbel lil ħaddieħor. Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù: hu li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib. Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet u żejnu bl-Isem li hu fuq kull isem, biex fl-isem ta' Ġesù - fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art - il-ħlejjaq kollha jinżlu għarkupptejhom, u kull ilsien jistqarr: «Ġesù Kristu hu l-Mulej, għall-glorja ta' Alla l-Missier».

## Mit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI:

L-adorazzjoni ta' Alla ta' Ġesù Kristu, li għall-imħabba bidel lilu nnifsu f'ħobż, hu r-rimedju l-aktar effettiv u radikali kontra kull idolatrija tal-passat u tal-preżent. Meta noqogħdu għarkupptejna quddiem l-Ewkaristija nkunu qed nagħmlu stqarrija ta' libertà: dawk li jbaxxu rashom quddiem Ġesù ma jistgħux u m'għandhomx jinżlu jqimu xi awtorità tad-dinja, għandha kemm għandha setgħa. Aħna l-Insara ninżlu għarkupptejna biss quddiem Alla jew quddiem is-Sagrament Imqaddes għax nafu u nemmnu li fih hemm l-Iben il-waħdieni (Ġwanni 3, 16). Aħna ninżlu nqimu lil Alla li kien hu l-ewwel li miel fuq il-bniedem, bħalma għamel is-sammaritan it-tajjeb biex jgħin u jagħti lura l-ħajja, u li niżel għarkupptejh quddiemna biex jaħslilna saqajna. L-adorazzjoni tal-Ġisem ta' Kristu tfisser li nemmnu li f'dik il-biċċa Ħobż jinsab realment Kristu li jagħti sens veru lil ħajjitna, lill-univers immens daqskemm lill-iċken ħlejqa, lill-istorja kollha tal-umanità sal-aktar eżistenza qasira. L-adorazzjoni hi talba li testendi ċ-ċelebrazzjoni u l-komunjoni Ewkaristika li fiha r-ruħ issib il-manteniment: hija mitmugħa bl-imħabba, bil-verità, bil-paċi; hija mitmugħa bit-tama għax dak li nkunu qed naduraw ma jiġġudikaniex, ma jgħaffiġniex imma jilliberana u jittrasformana.

*(Omelija, Corpus Domini, 22 Mejju 2008).*



## INVOKAZZJONIJIET

Inwieġbu flimkien:

**Nadurawk Mulej u nberkuk**

Nadurawk fil-misteru tal-imħabba kbira tiegħek; R/.
Nadurawk fil-misteru tal-umiltà kbira tiegħek; R/.
Nadurawk fil-misteru tal-faqar kbir tiegħek; R/.
Nadurawk fil-misteru tal-ħniena kbira tiegħek; R/.
Nadurawk fil-misteru tas-safa kbira tiegħek. R/.

## Innu
## TINA L-ĦLEWWA

*għal Ħamis ix-Xirka*

Bħal qaddej li jitbaxxa bla għadab
Inżajt ħwejġek, tħażżimt b'xugaman.
Ħsilt saqajn id-dixxipli mistagħġba
Biex turina it-triq tal-fejqan.

R/. Qalb imqaddsa ta' Ġesù,
Li b'salibek mifdijin:
Kebbes fina n-nar ta' mħabbtek
Żommna miegħek imħaddnin.



# IT-TIELET VISTA

## Ġesù jħabbar it-tradiment ta' Ġuda u ċ-ċaħda ta' Pietru



**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann (13, 21-30.36-38)**

Ġesù ħass ruħu jitħawwad, u stqarr bil-miftuħ: «Tassew tassew ngħidilkom li wieħed minnkom se jittradini!» Id-dixxipli qabdu jħarsu lejn xulxin, ma jafux għal min qal hekk. Wieħed mid-dixxipli tiegħu, dak li Ġesù kien iħobb, kien maġenbu fuq il-mejda, b'rasu ma' sider Ġesù. Xmun Pietru għamillu sinjal u staqsieh: «Għal min qiegħed jgħid?» Dak, kif kien mimdud hekk fuq sider Ġesù, staqsieh: «Min hu, Mulej?» Wieġbu Ġesù: «Dak li għalih se nbill din il-loqma ħobż fil-platt u nagħtihielu.» Imbagħad bill biċċa ħobż, u qabad u taha lil Ġuda ta' Xmun l-Iskarjota. Ġuda ħa l-biċċa ħobż u daħal fih ix-Xitan. Qallu Ġesù: «Dak li se tagħmel, agħmlu u ddumx.» Imma ħadd minn dawk li kienu fuq il-mejda ma kien jaf għalfejn qallu hekk. Billi Ġuda kien il-kaxxier, xi wħud stħajlu lil Ġesù jgħidlu, 'Mur ixtri dak li neħtieġu għall-festa,' jew biex imur jagħti xi ħaġa lill-foqra. Dak, wara li ħa l-biċċa ħobż, minnufih ħareġ 'il barra. Kien billejl.

[Ftit wara] qallu Xmun Pietru: «Fejn sejjer, Mulej?» U Ġesù wieġbu: «Fejn sejjer jien, int għalissa ma tistax tiġi miegħi; imma tiġi warajja aktar tard.» Qallu Pietru: «Għaliex, Mulej, ma nistax niġi miegħek issa? Għalik jiena nagħti ħajti!» Wieġbu Ġesù: «Inti, tagħti ħajtek għalija? Tassew tassew ngħidlek li s-serduk ma jkunx idden qabel ma tkun ċħadtni tliet darbiet!»

## Nisimgħu l-Kelma tal-Appostlu Missierna San Pawl (Rum 2, 1-11)

Int, ja bniedem, li tagħmel ħaqq minn ħaddieħor ma għandek ebda skuża, int min int. Għax int u tagħmel ħaqq minn ħaddieħor tkun tikkundanna lilek innifsek, ladarba int u tagħmel il-ħaqq tkun tagħmel l-istess. Imma aħna nafu li dawk li jagħmlu ħwejjeġ bħal dawn, Alla jagħmel ħaqq minnhom skont il-verità. U taħseb int, ja bniedem, li tagħmel ħaqq minn ħaddieħor li jagħmel dawn il-ħwejjeġ, u tagħmilhom int ukoll; taħseb int, li sejjer taħrab il-ġudizzju ta' Alla? Jew trid tabbuża mill-kobor tat-tjubija tiegħu, mis-sabar u l-ġenerożità tiegħu? Ma tafx li b'din il-ħniena tiegħu Alla jrid iwasslek għall-indiema? B'din l-ebusija ta' rasek u n-nuqqas ta' ndiema f'qalbek, inti qiegħed tiġma' għalik innifsek il-korla, għal jum il-korla, meta Alla għad jirrivela l-ġudizzju rett tiegħu, u jħallas lil kulħadd skont ma jkun għamel: jagħti l-ħajja ta' dejjem lil dawk li jipperseveraw sal-aħħar fl-għemil it-tajjeb, u jkunu fittxew il-glorja u l-ġieħ u l-ħajja li ma tintemmx, imma jerfa' l-korla u l-qilla għal dawk li ma jridu jisimgħu b'xejn, u jirvellaw kontra l-verità biex imbagħad joqogħdu għall-ħażen. Tbatija u dwejjaq għal kull ruħ ta' bniedem li jagħmel il-ħażen, l-ewwel għal-Lhud, u mbagħad għall-Griegi; glorja u ġieħ u sliem għal kull min jagħmel it-tajjeb, l-ewwel għal-Lhud, u mbagħad għall-Griegi. Għax Alla ma jħarisx lejn l-uċuħ!

## Mit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI:

L-Ewkaristija hija l-ikel riżervat għal dawk li bil-Magħmudija kienu meħlusin mill-jasar u saru wlied; hija l-ikel li jsostnihom fil-vjaġġ twil mill-eżodu u tul id-deżert tal-eżistenza umana. Bħall-manna għall-poplu ta' Iżrael, għall-ġenerazzjoni Kristjana l-Ewkaristija hija ikel indispensabbli li jsostnihom huma u jaqsmu d-deżert ta' did-dinja, imnixxef mis-sistemi ideoloġiċi u ekonomiċi li ma jinkoraġġixxux il-ħajja imma aktarx jumiljawha. Hija dinja dominata mil-loġika tal-poter flok mil-loġika tas-servizz u l-imħabba; dinja fejn il-kultura tal-vjolenza u l-mewt spiss tittrijonfa

*(Omelija, Corpus Domini, 7 Ġunju 2007).*

Minkejja d-dgħufija u d-dnub tagħna, Kristu jrid jiġi jgħammar ġo fina. Hu għalhekk li għandna nagħmlu ħilitna kollha biex nirċevuh b'qalb safja, u biex kontinwament, permezz tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, niskopru mill-ġdid is-sbuħija li tkun ittebbgħet bid-dnub, sabiex moħħna u leħinna jimxu id f'id (*Sacrosanctum Concilium* n. 11) kif jistedinna nagħmlu l-Konċilju. Infatti d-dnub, speċjalment id-dnub il-mejjet, ma jħallix il-grazzja tal-Ewkaristija taħdem fina. Aktar minn hekk, dawk li ma jistgħux jirċievu l-Ewkaristija minħabba s-sitwazzjoni li jinsabu fiha, jistgħu jsibu qawwa salvifika u effettiva permezz tat-Tqarbina tax-Xewqa u bil-parteċipazzjoni tagħhom waqt l-Ewkaristija

*(Omelija mxandra fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali fi Quebec, 22 ta' Ġunju 2008).*

San Ġwann Marija Vianney kien iħobb jgħid lill-parruċċani tiegħu: "Ejjew għat-Tqarbin.....hu minnu li ma jistħoqqilkomx tirċevuh imma għandkom bżonnu". Bl-għarfien li aħna ma jistħoqqilniex minħabba dnubietna, imma bil-ħtieġa li mmantnu lilna nfusna bl-imħabba li l-Mulej joffrilna permezz tas-sagrament tal-Ewkaristija, ejjew inġeddu l-fidi tagħna fil-preżenza reali ta' Kristu fl-Ewkaristija

*(Omelija, Corpus Domini, 11 ta' Ġunju 2009).*

## INVOKAZZJONIJIET

Inwieġbu flimkien:

**Maħfra u ħniena nitolbuk Mulej**

Ta' kemm-il darba ksirna l-kmandamenti tiegħek; R/.

Ta' kemm-il darba kasbarna x-xbieha tiegħek fil-proxxmu; R/.

Ta' kemm-il darba ċħadniek minħabba l-biża' u r-rispett uman; R/.

Ta' kemm-il darba ttradejniek bi tqarbin ħażin; R/.

Ta' kemm-il darba ma fittixniekx fit-talb u fil-Quddies ta' nhar ta' Ħadd. R/.

### Innu

### TINA L-ĦLEWWA

*għal Ħamis ix-Xirka*

B'rogħda f'qalbek inti twissi lil Ġuda
Li għall-flus kien pront lest jittradik;
U lil Pietru iċċanfru bil-ħniena
Li biċ-ċaħda beżgħan joffendik.

R/. Qalb imqaddsa ta' Ġesù,
Li b'salibek mifdijin:
Kebbes fina n-nar ta' mħabbtek
Żommna miegħek imħaddnin.





# IR-RABA' VISTA

## Ġesù jwaqqaf l-Ewkaristija



## Qari mill-Evanġelju skont San Mattew (26, 26-28)

Huma u jieklu, Ġesù ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newlu lid-dixxipli u qal: «Ħudu, kulu, dan hu ġismi.» Imbagħad ħa l-kalċi f'idejh, radd il-ħajr, newlilhom il-kalċi u qal: «Ixorbu lkoll minnu, għax dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet. Ngħidilkom, li ma nerġax nixrob iżjed minn dan il-frott tad-dielja sa dakinhar li nixrob inbid ġdid magħkom fis-Saltna ta' Missieri.»

## Nisimgħu l-Kelma tal-Appostlu Missierna San Pawl (1 Kor 10, 16-17)

Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka mhuwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu mhuwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda.

## Mit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI:

Kif nistgħu naslu għand Alla? Kif jirnexxilna niskopru jew niskopru mill-ġdid lil dak li l-bniedem ifittex fil-fond ta' qalbu, minkejja li spiss jinsieh? San Pawl jgħidilna biex ma nużawx biss ir-raġuni, imma fuq kollox il-fidi tagħna biex niskopruh. Issa x'tgħidilna l-fidi? Il-ħobż li nieklu huwa komunjoni mal-Ġisem ta' Kristu. Il-kalċi tas-sliem li nbierku huwa għaqda mad-Demm ta' Kristu. Din ir-rivelazzjoni straordinarja tahielna Kristu u wassluha għandna l-Appostli u l-Knisja kollha matul 2000 sena: Kristu waqqaf is-Sagrament tal-Ewkaristija fil-lejla ta' Ħamis ix-Xirka. Hu ried li s-sagrifiċċju tiegħu jkun imġedded, mingħajr tixrid ta' demm, kull darba li saċerdot jirrepeti l-kliem tal-konsagrazzjoni fuq il-ħobż u l-inbid. Miljuni ta' drabi matul dawn l-għoxrin seklu, ibda mill-aktar knejjes umli u spiċċa fl-aktar bażiliċi imponenti u fil-katidrali, Kristu Rxoxt ta lilu nnifsu lill-poplu tiegħu u b'hekk sar, fi kliem famuż ta' Santu Wistin "aktar intimu magħna milli aħna intimi magħna nfusna" (Konfessjonijiet III, 6, 11) ... Kull darba li titqaddes quddiesa, Kristu jkun preżenti sagramentalment fil-Knisja tiegħu, ix-xogħol tas-salvazzjoni tagħna jkun mitmum. Għalhekk iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija tfisser li nagħrfu li Alla biss għandu l-qawwa li jagħtina l-milja tal-hena u jgħallimna l-valuri awtentiċi, il-valuri eterni li ma jintemmu qatt. Alla hu preżenti fuq l-altar, imma hu preżenti wkoll fuq l-altar ta' qalbna, għax meta nirċievu t-tqarbina nkunu qed nirċevuh fis-sagrament tal-Ewkaristija.

*(Omelija, Pariġi, 13 ta' Settembru 2008).*

Fil-kamra ta' fuq Kristu jagħti Ġismu u Demmu lid-dixxipli, jiġifieri jagħti lilu nnifsu fit-totalità tal-persuna tiegħu. Imma jista' jagħmel hekk? Hu fiżikament preżenti f'nofshom, wieqaf quddiemhom! It-tewġiba hi: f'dak il-ħin Kristu jkun qed iwettaq dak li kien qal waqt id-diskors tar-Ragħaj it-Tajjeb: "Ħadd ma joħodli ħajti: jien nagħtiha għax irrid jien. Jien għandi s-setgħa li nagħtiha u għandi s-setgħa li neħodha lura" (Ġwanni 10,18). Ħadd ma jista' joħodlu ħajtu: hu jagħtiha b'deċiżjoni meħuda liberament minnu stess. F'dak il-mument hu jantiċipa t-tislib u l-qawmien tiegħu mill-mewt. Dak li kellu jseħħ aktar tard fiżikament, hu jwettqu bil-quddiem, bis-saħħa tal-imħabba ħielsa tiegħu. Hu jagħti ħajtu u jerġa' jeħodha lura fil-qawmien mill-imwiet, biex b'hekk ikun jista' jaqsamha magħna għal dejjem.

*(Omelija, Ħamis ix-Xirka, 9 ta' April 2009).*

## INVOKAZZJONIJIET

Inwieġbu flimkien:

**Infaħħruk Mulej u nqimuk**

Nadurawk Mulej fis-Sagrament Imqaddes tal-Altar; R/.
Nadurawk Mulej fil-Ġisem u d-Demm Imqaddes tiegħek; R/.
Nadurawk Mulej fir-rieda tiegħek li tibqa' magħna fl-Ewkaristija; R/.
Nadurawk Mulej fil-providenza tiegħek li tkun għalina ikel u xorb spiritwali; R/.
Nadurawk Mulej fix-xewqa tiegħek li tkun għalina vjatku fil-mixja tagħna lejk. R/.

**Innu**

**TINA L-ĦLEWWA**

*għal Ħamis ix-Xirka*

Ħadt f'idejk il-ħobż bnin u beriktu
Qassamt minnu, tajt Ġismek Tqarbin.
Ħadt il-Kalċi tal-għenba magħsura:
Xorb sar Demmek li bih meħlusin.

R/. Qalb imqaddsa ta' Ġesù,
Li b'salibek mifdijin:
Kebbes fina n-nar ta' mħabbtek
Żommna miegħek imħaddnin.





# IL-ĦAMES VISTA

## Ġesù jwaqqaf is-Saċerdozju Kattoliku



## Qari mill-Evanġelju skont San Luqa (22, 19-20)

Imbagħad Ġesù ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal: «Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi.» Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: «Dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom».

## Nisimgħu l-Kelma tal-Appostlu Missierna San Pawl (1 Tess 2, 10-13)

Tixhdu intom u Alla wkoll, kemm kienet qaddisa, ġusta u bla għajb l-imġiba tagħna magħkom li emmintu. Aħna, kif tafu, ġibna ruħna ma' kull wieħed minnkom qisna missier ma' wliedu: farraġniekom, għamilnielkom il-qalb, ħeġġiġniekom ħalli timxu kif hu xieraq quddiem Alla li sejħilkom għas-saltna u l-glorja tiegħu. Aħna niżżu ħajr bla heda lil Alla talli l-kelma ta' Alla, li intom smajtu mingħandna, ilqajtuha mhux bħala kelma ta' bniedem, iżda bħala kelma ta' Alla, kif tassew hi, dik il-kelma li qiegħda taħdem fikom li emmintu.

## Mit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI:

Sabiex il-poplu ta' Alla jibqa' dejjem ikollu l-ministri biex jagħtuh il-Ġisem ta' Kristu, jeħtieġ li nitolbu 'l Alla biex jagħtina r-rigal ta' saċerdoti ġodda fil-Knisja tiegħu. Jien nistedinkom biex tgħaddu din l-istedina għas-saċerdozju lill-ġuvintur żgħażagħ, biex huma jwieġbu għas-sejħa tal-Mulej bil-ferħ u bla biża'. Huma ma jkunux diżappuntati. J'Alla l-familja tkun il-bidu u l-benniena tal-vokazzjonijiet. Jien nitlob lill-Mulej biex lil kull wieħed minnkom inebbħu l-fond u l-kobor tal-misteru tal-Fidi. J'Alla Kristu, preżenti fl-Ewkaristija, u l-Ispirtu s-Santu li ninvokaw fuq l-ispeċi tal-ħobż u l-inbid, jakkompanjawkom ta' kuljum fil-vjaġġ u fil-missjoni tagħkom. J'Alla tkunu miftuħin biex tħallu 'l Alla jaħdem fikom fuq l-eżempju tal-Verġni Marija.

*(Omelija mxandra fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali fi Quebec, 22 ta' Ġunju 2008).*

Jien nindirizza lilkom, għeżież saċerdoti, li Kristu għażilkom biex tgħixu ħajjitkom bħala sagrifiċċju ta' tifħir għas-salvazzjoni tad-dinja. Hu biss mir-rabta tagħkom ma' Ġesù li intom tistgħu tieħdu l-frott spiritwali li jiġġenera t-tama fil-ministeru pastorali tagħkom. San Ljun il-Kbir ifakkar li s-sehem tagħna fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu jimmira biss biex aħna nsiru dak li qed nirċievu (Sermo 12, *De Passione* 3, 7, PL 54). Jekk dan hu minnu għal kull Nisrani, hu aktar minnu għas-saċerdot. Li wieħed isir Ewkaristija! J'Alla x-xewqa kostanti tagħkom u l-impenn tagħkom ikunu dawn biss, biex l-offerta tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej li aħna nagħmlu fuq l-altar ikunu akkompanjati mis-sagrifiċċju tal-eżistenza tagħna. Kull jum aħna nieħdu mill-Ġisem u d-Demm tal-Mulej dik l-imħabba ħielsa u pura li tagħmilna ministri denji ta' Kristu u xhieda tal-hena tiegħu. Dan hu dak li l-fidili jistennew mis-saċerdot: jiġifieri l-eżempju ta' devozzjoni awtentika lejn l-Ewkaristija; huma jixtiequ jarawh iqatta' ħin twil fis-silenzju u l-adorazzjoni quddiem Ġesù kif kienet id-drawwa tal-Qaddis Kurat ta' Ars.

*(Omelija, Corpus Domini, 11 ta' Ġunju 2009).*

## INVOKAZZJONIJIET

Inwieġbu flimkien:

**Ismagħna nitolbuk, Mulej**

Nitolbuk Mulej għall-Papa Benedittu XVI biex ikompli jirgħa l-merħla tiegħek bl-għerf u bil-qdusija; R/.

Nitolbuk għall-Isqfijiet kollha, b'mod speċjali l-Isqfijiet ta' dawn il-gżejjer, Pawlu u Mario, biex int tkun għalihom dawl u qawwa; R/.

Nitolbuk għas-saċerdoti kollha, b'mod speċjali s-saċerdoti Maltin u Għawdxin, biex timliehom bl-ispirtu tas-safa, tal-umiltà u tal-ħeġġa pastorali; R/.

Nitolbuk għad-djakni kollha biex jaqdu lill-Poplu tiegħek bil-ġenerożità u bil-ferħ; R/.

Nitolbuk biex tkompli tberikna b'vokazzjonijiet għas-saċerdozju u għall-ħajja reliġjuża; R/.

### Innu
### TINA L-ĦLEWWA
*għal Ħamis ix-Xirka*

Biex il-Ġemgħa minn qalbek titrejjaq
U t-Tifkira tintradd mingħajr ksur
Int tajt qawwa lill-Ħdax biex iqaddsu
Nisel ġdid, saċerdozju maħtur.

R/. Qalb imqaddsa ta' Ġesù,
Li b'salibek mifdijin:
Kebbes fina n-nar ta' mħabbtek
Żommna miegħek imħaddnin.





# IS-SITT VISTA
## Ġesù jagħti l-Kmandament tal-Imħabba



## Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann (13, 31-35)

Kif ħareġ Ġuda, Ġesù qal: «Bin il-bniedem huwa gglorifikat issa, u permezz tiegħu huwa gglorifikat Alla. Jekk Alla huwa gglorifikat permezz ta' Bin il-bniedem, Alla wkoll permezz tiegħu nnifsu għad jigglorifika lilu, u dalwaqt jigglorifikah. Uliedi, ftit ieħor se ndum magħkom; intom tfittxuni, u bħalma għedt lil-Lhud, hekk ukoll ngħidu issa lilkom: Fejn sejjer jien, intom ma tistgħux tiġu. Nagħtikom kmandament ġdid, li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin. Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom.»

## Nisimgħu l-Kelma tal-Appostlu Missierna San Pawl (Kol 3, 12-14; Rum 13, 8-10)

Intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu. Ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar. Stabru b'xulxin, u, jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll. U fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni.

Tkunu obbligati lejn ħadd ħlief li tħobbu lil xulxin. Kull min iħobb ikun iħares il-bqija tal-Liġi. Għax il-kmandamenti: "La tagħmilx adulterju, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib" u kull preċett ieħor, hu liema hu, kollha jinġabru f'kelma waħda: "Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek." L-imħabba ma tagħmilx deni lill-proxxmu; mela l-imħabba hi l-milja tal-Liġi.



## Mit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI:

Il-qsim tal-ħobż huwa att ta' komunjoni. Għalhekk fl-att fih innifsu, diġa' tidher in-natura intima tal-Ewkaristija: hija l-*agape*, l-imħabba tanġibbli. Fil-kelma *agape*, jitwaħħdu t-tifsiriet tal-Ewkaristija u tal-imħabba. Fl-att li Ġesù jagħmel meta jaqsam il-ħobż, l-imħabba tilħaq l-aktar forma radikali tagħha: Ġesù jippermetti lilu nnifsu li jiġi maqsum bħala ħobż li jitqassam, aħna nagħrfu l-misteru taż-żerriegħa tal-qamħa li tmut, u għalhekk tagħti l-frott. Aħna naraw mill-ġdid il-moltiplikazzjoni tal-ħobż, li jitnissel mill-mewt tal-qamħa u jibqa' sejjer hekk sat-tmiem tad-dinja. Fl-istess ħin naraw li l-Ewkaristija qatt ma tista' tkun biss azzjoni liturġika. Issir sħiħa biss meta l-*agape* liturġiku jittrasforma ruħu f'imħabba fil-ħajja ta' kuljum. Fil-kult Nisrani, iż-żewġ affarijiet isiru waħda – l-esperjenza tal-imħabba tal-Mulej fl-att ta' qima u l-imħabba li tikber, lejn il-proxxmu. F'dal-ħin nitolbu 'l Alla jagħtina l-grazzja biex nitgħallmu ngħixu l-misteru tal-Ewkaristija b'mod dejjem aktar profond, b'mod li b'hekk tibda titwettaq it-trasformazzjoni tad-dinja.

*(Omelija, Ħamis ix-Xirka. 9 ta' April 2009).*

## INVOKAZZJONIJIET

Inwieġbu flimkien:

**Seddaq fina, Mulej, l-Ispirtu tal-Imħabba**

Bierek il-familji tagħna u żejjinhom bl-għożża għad-dar
u bil-ħeġġa għat-talb; R/.

Bierek l-għarajjes li qed iħejju ruħhom għas-sagrament
taż-Żwieġ u wettaq fihom is-safa fl-imħabba
u t-tama fil-ġejjieni; R/.

Bierek iż-żgħażagħ kollha tagħna u nissel fihom għerf,
għaqal u kuraġġ; R/.

Bierek it-tfal kollha u ħarishom dejjem minn kull tiġrib
tar-ruħ u tal-ġisem; R/.

Bierek il-poplu Malti u Għawdxi kollu u tħalli qatt
li jinfired minnek; R/.

### Innu

### TINA L-ĦLEWWA

*għal Ħamis ix-Xirka*

Lilna lkoll ħallejtilna eżempju
Kmand ta' mħabba li tagħder u tħenn.
Tlabt għall-għaqda tax-Xirka Qaddisa
Wegħedt l-Ispirtu, wegħedt faraġ u kenn.

R/. Qalb imqaddsa ta' Ġesù,
Li b'salibek mifdijin:
Kebbes fina n-nar ta' mħabbtek
Żommna miegħek imħaddnin.





# IS-SEBA' VISTA

## Ġesù fl-Ort tal-Ġetsemani



## Qari mill-Evanġelju skont San Luqa (22: 39-46)

Imbagħad Ġesù ħareġ u mar bħas-soltu fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, u d-dixxipli wkoll marru miegħu. Kif wasal hemmhekk qalilhom: «Itolbu li ma tidħlux fit-tiġrib.» Imbagħad tbiegħed minnhom daqs tefgħa ta' ġebla, u nxteħet għarkupptejh jitlob u jgħid: «Missier, jekk inti trid, warrab minni dan il-kalċi! Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi.» Deherlu anġlu mis-sema biex jagħmillu l-qalb, imma hu ħass dwejjaq tal-mewt fuqu u beda jitlob b'ħerqa akbar. L-għaraq sarlu bħal qtar tad-demm iċarċar sal-art. Imbagħad qam mit-talb, mar ħdejn id-dixxipli u sabhom reqdin minħabba s-swied ta' qalb. «Kif !» qalilhom «Irqadtu? Qumu u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib!»

## Nisimgħu l-Kelma tal-Appostlu Missierna San Pawl (2 Kor 12, 7-10)

U li ma mmurx nintefaħ bija nnifsi minħabba fil-kobor tar-rivelazzjonijiet, tqegħditli xewka f'ġismi, messaġġiera tax-Xitan, biex toqgħod tniggiżni ħalli ma nintefaħx. Fuq hekk tliet darbiet tlabt il-Mulej biex hi titbiegħed minni. Iżda hu weġibni: «Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi; għax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef.» Għalhekk niftaħar minn qalbi l-aktar bid-debbulizzi tiegħi biex il-qawwa ta' Kristu tgħammar fija. Mela bil-qalb kollha nitgħaxxaq bid-debbulizzi tiegħi, bit-tagħjir, bl-għaks, bil-persekuzzjonijiet, bid-dwejjaq minħabba Kristu; għax meta nkun dgħajjef, inkun qawwi.

## Mit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI:

F'Ħamis ix-Xirka ssir proċessjoni Ewkaristika li biha l-Knisja tfakkar li Ġesù ħareġ mill-Kamra ta' Fuq u baqa' sejjer lejn l-Għolja taż-Żebbuġ. F'Iżrael il-lejl tal-Għid kien jiġi ċelebrat fid-dar, fl-intimità tal-familja; hekk kien imfakkar l-ewwel Għid tal-Lhud fl-Eġittu, il-lejl li fih id-demm tal-ħaruf midluk fuq il-koxox tal-bibien tad-djar kien ifisser il-ħarsien mill-qerda. F'dak il-lejl Ġesù jmur u jagħti lilu nnifsu lit-traditur, il-qerried, u b'dan l-att jegħleb il-lejl u jegħleb id-dlam tal-ħażen. Hu biss b'dan il-mod li l-Ewkaristija, imwaqqfa fil-Kamra ta' Fuq, issib il-milja tagħha: Ġesù jagħti verament il-Ġisem u d-Demm tiegħu. U jgħaddi mill-għatba tal-mewt u jsir Ħobż ħaj, veru manna, ikel bla tarf għall-eternità. Il-laħam isir il-Ħobż tal-Ħajja. Fil-proċessjoni ta' Ħamis ix-Xirka, il-Knisja takkompanja lil Ġesù sa fuq l-Għolja taż-Żebbuġ: hija x-xewqa awtentika tal-Knisja li titlob li tishar ma' Ġesù, ma tabbandunahx fil-dlam tad-dinja, fil-lejl tat-tradiment, fil-lejl tal-indifferenza ta' tant nies... Il-proċessjoni ta' Ħamis ix-Xirka takkompanja lil Ġesù fis-solitudni tiegħu tul il-*via crucis*.

*(Omelija, Corpus Domini, 26 ta' Mejju 2005).*

Alla, Alla ħaj, jistabbilixxi komunjoni ta' paċi magħna, jew biex ngħiduha b'enfasi akbar, hu joħloq patt tad-demm bejnu u bejnna. Bl-inkarnazzjoni ta' Ġesù, bit-tixrid ta' demmu, aħna sirna verament qraba ta' Ġesù u għalhekk ta' Alla nnifsu. Id-demm ta' Kristu hu l-imħabba tiegħu li fiha l-ħajja divina u l-ħajja umana jsiru ħaġa waħda. Ejjew nitolbu l-Mulej li aħna nsiru nafu dejjem aktar fil-fond il-kobor ta' dal-misteru. Ejjew nitolbu biex fil-qalb ta' qalbna tiżdied il-qawwa ta' din l-imħabba li tittrasformana, biex b'hekk verament insiru qraba ta' Ġesù, nimtlew bil-paċi tiegħu u nikbru fil-komunjoni ta' bejnietna.

*(Omelija, Ħamis ix-Xirka, 9 ta' April 2009).*

## INVOKAZZJONIJIET

Inwieġbu flimkien:

**Farraġna, Mulej, f'kull niket tagħna**

Ftakar Mulej f'kull min qiegħed ibati minħabba l-mard; R/.

Ftakar Mulej f'kull min qiegħed ibati minħabba
xi inġustizzja; R/.

Ftakar Mulej f'kull min qiegħed ibati mis-solitudni
u n-nuqqas ta' mħabba; R/.

Ftakar Mulej f'kull min qiegħed fil-punt tal-mewt; R/.

Ftakar Mulej f'kull min hu qalbu maqsuma għat-telfa
ta' xi ħadd għażiż; R/.

### Innu

### TINA L-ĦLEWWA

*għal Ħamis ix-Xirka*

Qatra qatra min-nagħsek iġelben
Demmek jixhed il-għaraq tal-hemm.
Lill-Missier trodd ir-rieda u tobdi:
Morr il-kalċi biex qatt ma jsir semm.

R/. Qalb imqaddsa ta' Ġesù,
Li b'salibek mifdijin:
Kebbes fina n-nar ta' mħabbtek
Żommna miegħek imħaddnin.



## KONKLUŻJONI



**Mit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI:**

Ħuti, ejjew nagħtu l-akbar qima lis-sagrament tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej, is-Sagrament Qaddis tal-preżenza reali tal-Mulej lill-Knisja tiegħu u lill-umanità kollha. Ejjew nieħdu kull opportunità biex nuruh ir-rispett u l-imħabba tagħna! Ejjew nagħtuh l-akbar ġieħ! Bi kliemna, bis-silenzji tagħna u b'għemilna ejjew ma nħallu qatt il-fidi tagħna fi Kristu Rxoxt u preżenti fl-Ewkaristija titlef it-togħma tagħha ġo fina u madwarna. Kif qal b'mod stupend San Ġwann Kriżostmu: «Ejjew naraw il-ġenerożità li ma tistax titfisser ta' Alla u l-ħwejjeġ kollha li hu jippermettilna ngawdu, meta aħna noffrulu dal-kalċi, meta nirċievu t-tqarbin, u rroddulu ħajr li ħeles l-umanità mill-iżball, talli ġibed qrib tiegħu lil dawk li kienu tbiegħdu, talli lil dawk li kienu bla tama u mingħajr Alla fid-dinja għamilhom poplu ta' aħwa, werrieta mal-Iben ta' Alla» *(Omelija 24 dwar l-Ewwel Ittra lill-Korintin, 1).* «Fil-fatt», ikompli l-Krizostmu, «dak li hemm fil-kalċi hu preċiżament dak li ħareġ mill-kustat, u hu dan li aħna nieklu». M'hemmx biss l-ikel u l-qsim, imma hemm "għaqda" jgħid id-Duttur tal-Knisja li ismu jfisser "ħalq tad-deheb".

*(Omelija, Pariġi, 13 ta' Settembru 2008).*

Mulej, illum int tagħtina ħajtek, tagħtina lilek innifsek. Idħol fil-qalb ta' qalbna bl-imħabba tiegħek. Għinna ngħixu fl-"illum" tiegħek. Għamilna strumenti tal-paċi tiegħek! Ammen.

*(Omelija, Ħamis ix-Xirka, 9 ta' April 2009).*

EJJEW NITOLBU SKONT IL-FEHMA TAL-PAPA:
Missierna – Sliema – Glorja

## Innu
## TINA L-ĦLEWWA*
*għal Ħamis ix-Xirka*

L-aħħar qatra ta' demmek tajthielna
Meta b'daqqa ta' lanza nifduk;
Int għallimtna tan-niket il-hena,
Int għallimtna fil-hemm inberkuk.

R/. Qalb imqaddsa ta' Ġesù,
Li b'salibek mifdijin:
Kebbes fina n-nar ta' mħabbtek
Żommna miegħek imħaddnin.



## Innu
## TINA L-ĦLEWWA*
*għal Ħamis ix-Xirka*

'Tina l-ħlewwa tal-ilsna tas-sema
Biex il-ġieħ li jixraqlek nagħtuk.
Qalb ħanina li tagħder li taħfer
Kif ħabbejtna nixtiequ nħobbuk.

R/. Qalb imqaddsa ta' Ġesù,
Li b'salibek mifdijin:
Kebbes fina n-nar ta' mħabbtek
Żommna miegħek imħaddnin.

Biex tifdina mill-jasar ewlieni,
Ta' Missierek l-għamara ħallejt;
Int, li tgħaxxaq is-sema bi ġmielek,
Ta' suritna fil-faqar inħbejt. R/.

Meta waslet is-siegħa li toffri
Ħajtek kollha lill-kotra tal-ħbieb,
Inti ġbarthom għall-ikla tal-Fidwa
U ta' qalbek għarrafthom il-ħsieb. R/.

Bħal qaddej li jitbaxxa bla għadab
Inżajt ħwejġek, tħażżimt b'xugaman.
Ħsilt saqajn id-dixxipli mistagħġba
Biex turina it-triq tal-fejqan. R/.

B'rogħda f'qalbek inti twissi lil Ġuda
Li għall-flus kien pront lest jittradik;
U lil Pietru iċċanfru bil-ħniena
Li biċ-ċaħda beżgħan joffendik. R/.

* L-Ewwel, it-Tieni u l-Aħħar Strofa huma tal-Poeta Nazzjonali Mons Carmelo Psaila [Dun Karm: 1871-1961]; il-bqija tal-istrofi huma ta' Mons Charles J. Scicluna (2010).

Ħadt f'idejk il-ħobż bnin u beriktu
Qassamt minnu, tajt Ġismek Tqarbin.
Ħadt il-Kalċi tal-għenba magħsura:
Xorb sar Demmek li bih meħlusin. R/.

Biex il-Ġemgħa minn qalbek titrejjaq
U t-Tifkira tintradd mingħajr ksur
Int tajt qawwa lill-Ħdax biex iqaddsu
Nisel ġdid, saċerdozju maħtur. R/.

Lilna lkoll ħallejtilna eżempju
Kmand ta' mħabba li tagħder u tħenn.
Tlabt għall-għaqda tax-Xirka Qaddisa
Wegħedt l-Ispirtu, wegħedt faraġ u kenn. R/.

Qatra qatra min-nagħsek iġelben
Demmek jixhed il-għaraq tal-hemm.
Lill-Missier trodd ir-rieda u tobdi:
Morr il-kalċi biex qatt ma jsir semm. R/.

L-aħħar qatra ta' demmek tajthielna
Meta b'daqqa ta' lanza nifduk;
Int għallimtna tan-niket il-hena,
Int għallimtna fil-hemm inberkuk. R/.



Pubblikazzjoni:
Kummissjoni Liturġika Interdjoċesana, Kurja tal-Arċisqof, Furjana
© 2010

Edizzjoni mħejjija minn Mons Charles J Scicluna

Bord Editorjali:
Fr Jesmond Manicaro, Joseph Huber, Robbie Mamo